

Brussell, 18 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6355/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0169(COD)**

---

---

ENV 137  
SAN 79  
CONSOM 56  
AGRI 81  
CODEC 386

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9498/18 + ADD 1 - COM(2018) 337 final + Annex
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir- rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

1. Bil-ħsieb tal-Kunsill Ambjent tal-5 ta' Marzu 2019, il-Presidenza ħejjiet nota ta' informazzjoni b'mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu ta' orjentazzjoni.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tal-mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota, u jibgħathom lill-Kunsill.
3. Il-Presidenza tistieden lid-delegazzjonijiet biex jibagħtu t-tweġibiet bil-miktub qabel il-laqgħa tal-Kunsill, fejn possibbli.

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti minimi  
għall-użu mill-ġdid tal-ilma  
- Dibattitu ta' orjentazzjoni -**

**Nota ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għad-dibattitu ta' orjentazzjoni**

**I. INTRODUZZJONI**

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reqwiziti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma ġiet adottata fit-28 ta' Mejju 2018 bħala parti mill-azzjonijiet imħabbra biex jitwettaq il-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari. Il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi biex tittaffa l-iskarsezza tal-ilma madwar l-UE, fil-kuntest ta' adattament għat-tibdil fil-klima u bħala għodda ewlenija nieqsa għal ġestjoni integrata tal-ilma li tiżgura li r-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa jiġu ġestiti b'mod aktar effiċjenti.

Ir-riżorsi tal-ilma ħelu tal-Ewropa jinsabu taħt stress li qed jiżdied, bi spariġġ bejn id-domanda li kontinwament qed tiżdied għar-riżorsi tal-ilma madwar l-UE kollha kemm hi, u d-disponibbiltà limitata tagħhom. Iż-żieda tal-iskarsezza tal-ilma, minħabba l-astrazzjoni eċċessiva, prinċipalment għall-finijiet ta' irrigazzjoni iżda wkoll għall-użu industrijali u l-iżvilupp urban, hija waħda mit-theddiet ewlenin għall-ekonomija u l-bażi ekoloġika tal-UE, filwaqt li d-disponibbiltà ta' ilma ta' kwalità tajba hija kundizzjoni kritika għas-soċjetà kollha kemm hi.

L-istress fuq l-ilma diġà jaffettwa terz tat-territorju tal-UE matul is-sena kollha u, skont il-kundizzjonijiet previsti tat-tibdil fil-klima, il-problema x'aktarx li taggrava. Din ix-xejra mistennija li tissokta, bl-iskarsezza tal-ilma taffettwa l-parti l-kbira tal-Ewropa tul is-seklu 21, b'żieda ta' 40-80 % fis-severità ta' avvenimenti ta' defiċit tal-ilma sal-2050.

L-użu mill-ġdid ta' ilma mill-impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi jirrappreżenta provvista alternattiva u affidabbli tal-ilma għal diversi finijiet, inkluż l-irrigazzjoni agrikola, li għandha l-ogħla potenzjal għal żieda fl-adozzjoni tal-użu mill-ġdid tal-ilma. Il-prattika tal-użu mill-ġdid tal-ilma testendi ċ-ċiklu tal-ħajja tal-ilma, u b'hekk tgħin biex jiġu preservati r-riżorsi tal-ilma, skont l-objettivi tal-ekonomija ċirkolari. Illum, l-adozzjoni ta' prattiki tal-użu mill-ġdid tal-ilma hija ferm inqas mill-potenzjal kollu tagħha, bi prattiki ferm diverġenti bejn l-Istati Membri.

Il-proposta tistabbilixxi rekwiżiti minimi armonizzati ta' kwalità għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma urban mormi għall-irrigazzjoni agrikola, kull fejn dan ikun rilevanti u kosteffettiv, filwaqt li jiġu salvagwardjati s-saħħa pubblika u l-ambjent. Bl-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi applikabbli madwar l-UE, il-proposta għandha l-għan li tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi li jipproduċu u jipprovdu l-ilma reklammat, kif ukoll għall-bdiewa. Hija toħloq opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni teknoloġika u n-negozju.

Barra minn hekk, il-proposta tinkludi wkoll:

- Rekwiżiti minimi armonizzati ta' monitoraġġ, applikabbli fil-punt ta' konformità, jiġifieri fl-izbakk tal-impjant li jkompli jittratta l-ilmijiet mormija għall-użu mill-ġdid (l-impjant ta' reklamazzjoni), b'mod partikolari rekwiżiti għall-frekwenza ta' monitoraġġ għal kull parametru ta' kwalità, u rekwiżiti għall-validazzjoni tas-sistema.
- Dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskju, biex jivvalutaw u jindirizzaw riskji ambjentali u għas-saħħa addizzjonali possibbli marbuta maż-żona speċifika fejn ikun mistenni li jopera l-impjant ta' reklamazzjoni.
- Proċedura tal-għoti ta' permessi, li biha l-operatur tal-impjant ta' reklamazzjoni jinħtieġ li jikseb permess mill-awtoritajiet rilevanti biex jipprovdi ilmijiet mormija għall-użu mill-ġdid sikur.
- Dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza, li bihom informazzjoni ewlenija dwar kwalunkwe proġett tal-użu mill-ġdid tal-ilma ssir disponibbli għall-pubbliku.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

Il-proposta tal-Kummissjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha s'issa ġew eżaminati matul erba' laqgħat ta' nofs ġurnata tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE). Il-kwistjonijiet politiċi ewlenin li jgħorġu mid-diskussjoni kienu l-grad ta' flessibilità li l-istrument tal-UE għandu joffri lill-Istati Membri u l-istringenza tal-istandards minimi armonizzati għall-kwalità tal-ilma reklamati.

Filwaqt li d-delegazzjonijiet jirrikonoxxu li l-iskarsezza tal-ilma hija kwistjoni importanti li għandha tiġi indirizzata, l-approċċi rigward l-użu mill-ġdid tal-ilma jvarjaw bejn l-Istati Membri. Dawk li diġà jużaw mill-ġdid l-ilma mormi għall-irrigazzjoni agrikola jibzġu li r-Regolament propost ser jirrikjedi bidliet konsiderevoli għas-sistemi nazzjonali diġà fis-seħħ u, għaldaqstant, jixtiequ strument flessibbli tal-UE li jakkomoda ċirkostanzi nazzjonali differenti. Oħrajn, li għalihom l-iskarsezza tal-ilma mhijiex problema immedjata u li mhumiex beħsiebhom jużaw mill-ġdid l-ilma mormi għall-irrigazzjoni agrikola fil-futur qrib, jippreferu li jagħżlu li ma japplikawx ir-Regolament biex jiġi evitat il-piż amministrattiv żejjed (e.ż. l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permessi). Barra minn hekk, ġiet diskussa l-kwistjoni ta' kif jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-prodotti agrikoli irrigati bl-ilma reklamati għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mingħajr ma jiġu imposti spejjeż mhux raġonevoli fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-operaturi u l-utenti u ġiet issottolinjata l-ħtieġa għal definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fost l-atturi differenti li jipparteċipaw fil-proċess ta' trattament tal-ilma mormi.

Il-Parlament Ewropew ħatar lil Simona Bonafè (S&D) bħala Relatur għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Ir-Rapport ġie adottat mill-Kumitat ENVI fit-22 ta' Jannar 2019, li ppropona 68 emenda.

F'dan l-isfond, il-Ministri huma mistiedna jieħdu sehem f'dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tal-5 ta' Marzu 2019. Il-Presidenza ħejjiet żewġ mistoqsijiet biex jiggwidaw id-dibattitu.

### III. MISTOQSIJET GĦALL-MINISTRI

- 1. Minħabba l-isfida li qed taffaċċja l-Ewropa tal-iskarsezza tal-ilma li qed tiżdied, kif tista' l-adozzjoni tar-regoli armonizzati tal-UE tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-ilma u tassisti t-transizzjoni għal ġestjoni aktar effiċjenti tal-ilma filwaqt li tħalli f'idejn is-suq biex jiddetermina fejn ikun hemm potenzjal imdaqgas għal domanda tal-użu mill-ġdid tal-ilma?*
- 2. Tqis li r-rekwiżiti minimi armonizzati proposti tal-UE dwar il-kwalità u l-monitoraġġ tal-ilma reklamati, flimkien mal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju u tal-għoti ta' permessi fil-livell lokali, isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-iżgurar ta' grad għoli ta' protezzjoni ambjentali u tassaħħa tal-bniedem u ċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti agrikoli sikuri irrigati bl-ilma reklamati fi ħdan is-Suq Intern?*